MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2011

Numru. 192/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**VS**
**RODNEY TESTA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Rodney Testa ta' 26 sena, iben Carmel u Josephine nee' Grech, imwieled Pieta' fit-12 ta' Novembru 1979, residenti f'No.86, Casa Testa, Triq l-Akwedott, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 550879(M).

Illi huwa akkuzat talli f'Awwissu 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc., u diversi persuni u azzjendi ohra;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc., u diversi persuni u azzjendi ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

3. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 167 u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

4. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

5. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn falsifikazzjoni li saru minn xi persuna/i li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita’;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

6. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata ffalsifikata li jkun jista’ jaghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 187(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

7. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali datat 4 ta' Mejju, 2007 (a fol.91)taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 4 ta' Novembru 2008, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur (a fol.8 et seq.) jirrizulta illi l-Iskwadra ta' l-*Economic Crimes*, kienet qeghedha taghmel investigazzjonijiet fuq diversi applikazzjonijiet ghal self fuq djar residenzjali minn diversi individwi, ma' diversi banek, liema applikazzjonijiet kienu qed jigu intavolati minn sensara Letizia Scicluna, Josef Muscat, Joe Walker li kienu mixlija u, effetivament, l-ewwel tnejn instabu hatja ta' qerq u falsifikazzjoni ta' dokumenti, waqt li Joe Walker jinstab mahrub minn dawn il-gzejjer.

L-Ufficjal Prosekutur spjega l-modus operandi ta' Scicluna u Muscat, fis-sens li huma kienu jipprezentaw koppji, li kienu jkunu jixtiequ jixtru l-ewwel dar taghhom, kienu "Jiehdu hsieb tal-*paperwork* kollu mehtieg ghal banek," u jimbruljaw u jimmeskolaw l-applikanti f'dikjarazzjonijiet ta' qliegh in veritier u mpiegi fantazmi, sabiex l-applikanti jkunu jistghu jibbenifikaw minn *loan facility,* f'ammont akbar minn dak illi verament ikun jaspetta lilhom, skond ir-regolamenti tal-Bank. Kemm Scicluna u Muscat instabu hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

L-imputat Testa kien wiehed mill-imputati li gie pprezentat mill-Bank minn Letizia Scicluna u Josef Muscat.

Fl-istqarrija tieghu, Rodney Testa kien wiehed minn dawk l-applikanti, ghal *home loan*, li nghata *senction letter* mill-Bank Of Valletta f'ammont ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000).

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-*application tal-home loan* (Dok.IA), id-dikjarazzjoni ta' Ann Marie Cetchuti u Rodney Testa (Dok.IA1), id-dikjarazzjoni tan-Nutar dwar id-depozitu ta' *elfejn* Liri Maltin (Lm2,000) Dok.IA2 u s-*senction letter* Dok.IA5 id-dokumenti tat-TAXXA Dok.IA4.

Fl-istqarrija tieghu Dok.IA6, l-imputat Testa jghid illi hu u t-tfajla tieghu kienu mhajjra jixtru fond minghand Ann Marie Chetcuti u kienu uzaw is-servizzi ta' Letizia Scicluna li saru jafuha minn avviz fuq il-gazzetti. Minhabba li t-tfajla tieghu kienet taf il-bejjiegh tal-fond, huma ma baqghux jiddijljaw ma' Letizia. L-imputat Rodney Testa xehed li hu kien hallas *deposit* fuq dan il-post ma' certu Nutar Sammut u applikaw ghal-*loan* mal-Bank Of Valletta. Illi waqt li kien qed isir il-konvenju, nqala xi dizgwid il-bank u l-*loan* waqfet hemm. L-imputat jghid li gie nfurmat mill-Bank li Letizia Scicluna ma kinitx accettabli ghall-Bank il-ghaliex kien hemm xi allegazzjoni fuq falsifikazzjoni, li huwa nforma lil Bank li ma kien jaf xejn dwar dan. In segwitu ta' dan, wara li ghaddiet xi sena, hu u t-tfajla tieghu kienu raw post iehor fil-Mellieha, pero' in-negozju ma sehx. Aktar tard f'Novembru 2003, l-imputat thajjar jixtri garaxx, kien ghamel kuntatt ma' Joe Walker, tah id-dokumenti kollha li kien talbu Walker u insegwitu ta' dan, harget *senction letter* mill-Bank Of Valletta ta' hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000). Sussegwentement, l-imputat jghid li rega' xtaq jixtri l-fond ta' Ann Mary Chetcuti, *"kont qbadt dawk il-karti u pprezentajthom flimkien mal-konvenju l-BOV"*.

Domanda: *"Qatt tajt kaz li dawk id-dokument ma kienux tajbin u ma kienux juru l-verita'?"*

Risposta: *"Le qatt, dan ghamiltu ghaliex l-ewwel darba l-loan kien ghadda u qatt ma gieni dubbju."*

L-imputat stqarr li, minhabba li kien hallas ghas-servizz ta' speditezza ghall-bzonnijiet dokumentari kollha, li Bank jezigi sabiex jinghata *loan facility,* u ghaldaqstant huwa ma kienx qaghad jivvettja u jivverifika d-dokumentazzjoni.

Joseph Borg Cardona (a fol.32) ikkonferma s-*senction letters,* l-applikazzjoni ghal *loan facility* u d-dokumenti li pprezenta l-imputat lil Bank Of Valletta li huma ezebiti in atti. Di piu', ezebixxa *statement of account* ta' l-imputat (Dok.JGC minn fol.35 sa fol.36).

Paul Aquilina (a fol.37) mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig (ETC), ezebixxa l-*employment history* ta' l-imputat (Dok.PA a fol.39).

Joe Sammut (a fol.73), *accountant,* gie muri Dok.IA4 (a fol.19), ikkonferma li Dok.IA4 m'huwiex dokument li hareg hu, cahad li l-firma kienet tieghu u cahad li t-timbru huwa tieghu.

Joseph Borg Cardona, in kontro ezami, ikkonferma l-applikazzjoni Dok.IA u d-dokumenti kollha li gew ipprezentati ghan-nom ta' l-imputat. A fol.98, Joseph Borg Cardona nnega li l-Bank intavola jew kellu hsieb jintavola xi *foreclosure procedures* kontra l-facilita' moghtija mill-Bank lill-imputat, anzi l-imputat dejjem onora l-obbligi kollha mal-Bank.

Spettur Ian Joseph Abdilla (a fol.102), in kontro ezami, ikkonferma li l-imputat gie investigat semplicement il-ghaliex kien wiehed mill-applikanti li kien uza s-servizzi ta' JM-Serial Estates, li d-dirigenti tieghu gew mixlija b'akkuzi ta' frodi kif fuq indikat.

Joseph Sammut (a fol.109) rega' kkonferma illi d-Dok.IA4 (a fol.19) ma kienx dokument tieghu, l-firma ma kinitx tieghu u lanqas it-timbru ma kien tieghu u li qatt ma kellu *business dealings* ma' l-imputat.

L-imputat Rodney Testa, fix-xhieda tieghu, ikkonferma li kien ra avviz fuq post tal-bejgh fil-Mellieha u meta cempel, irrispondieh certu Joe Walker, li kien jahdem f'ufficju jismu

*‘Locations’*, f’Birkirkara. Illi offrielu servizz komplut ghad-dokumentazzjoni kollha necessarja ghall-Bank fejn jirrigwarda *loan facility*. Illi n-negozju tal-post fil-Mellieha ma sehx, izda d-dokumentazzjoni kollha mal-Bank kienet lesta u allura, l-imputat ipprezenta dik id-dokumentazzjoni meta ddecieda li jixtri post iehor. Illi huwa, dak iz-zmien, kien jaqla xi hamest elef Liri Maltin (Lm5,000). Ikkonferma li l-*account* tieghu ghadu vigenti u li dejjem hallas, puntwali, kull *installment* tal-Bank fuq dan il-*loan*. Mitlub jghid, kienx veru illi huwa kien IT Professional Self Employed bi qliegh ta’ disghat elef, erbgha mija u tletin Liri Maltin (Lm9430), kif indika fl-applikazzjoni tieghu, l-imputat jghid li dik l-informazzjoni ma kinitx veritiera izda hu ma kitibiex dik l-informazzjoni u halla f’idejn Joe Walker, li gie mhallas precizament ghas-servizzi tieghu u li l-imputat qatt ma vverifika dak li ghamel jew issottometta Joe Walker lill-banek.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinstab mixli b’diversi akkuzi serji, cioe akkuzi ta’ messa in xena, approprijazzjoni indebita, falsifikazzjoni ta’ dokumenti, uzu ta’ dokumenti foloz, li jgibu maghhom interdizzjoni perpetwa ghall-akkuzat.

Mill-assiem tal-provi, jirrizulta, b’mod inekwivoku, illi l-imputat li xtaq jinvesti fi propjeta’, kien ghamel uzu minn servizzi li gew imxandra fuq il-gurnali li jiffacilitaw id-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex wiehed jikseb facilita’ ta’ self minn banek ta’ Malta.

Fl-istqarrija tieghu, mehuda a tempo vergine (Dok.IA6), l-imputat ta rakkont dettaljat ta’ dan kollu li ghamel, kif kien ser jiehu *loan* fuq propjeta’; kif id-dokumentazzjoni kollha giet ipprezentata lil Bank koncernat minn din is-socjeta’ li tat dan is-servizz specifiku; kif din il-*loan facility* ma gietx iffinalizzata; kif nelfrattemp l-imputat tefa’ ghajnejh fuq propjetajiet ohra; kif finalment, wara ‘l fuq minn sena, iddecieda li jixtri l-post indikat mill-Ufficjal Prosekutur u kif ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha li kienet giet ippreparata minn Joe Walker li thallas ghal dak is-servizz.

Illi, fl-istqarrija tieghu, l-imputat innega li kien jaf li l-kontenut tad-dokumentazzjoni mhejjija minn Walker kienet inveritiera, wisq anqas illi kienet falsifikata. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat, bl-istess mod, innega li huwa kien jaf illi l-kontenut tad-dokumentazzjoni ma kienx korrett, wisq anqas illi kien hemm xi dokumenti li kienu, addirittura, foloz.

Illi ma hemm dubbju ta’ xejn li l-Prosekuzzjoni pprovat li d-dokument, allegatament, imhejji mill-Awditur, kien falz. Ma hemm dubbju ta’ xejn, li dawn id-dokumenti gew imhejjija minn Letizia Scicluna, Josef Muscat u, x’aktarx, il-mahrub Joe Walker. Dak illi huwa mankanti, pero’, huwa n-*nexus* bejn Walker u l-imputat, prova li setghet tigi maghmula biss bit-testimonjanza ta’ Walker.

Fin-nuqqas ta’ tali testimonjanza, l-Qorti ma ghandiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat Rodney Testa mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------